MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 14/2000/3

**Salvu Mejlak bhala mandatarju ta’ l-imsiefra Regina Aquilina**

**v.**

**Dr. Chris Said li b’digriet tal-15 ta’ Frar 2000, gie nominat kuratur deputat sabiex jidher ghall-imsefrin Susan Portelli u Rita Camilleri, u b’nota tat-2 ta’ Marzu 2004, Simon Brincat assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju ta’ Susan Portelli; u b'nota tad-29 ta' Dicembru 2006, Judith mart it-Tabib Dr. John Cassar assumiet l-atti tal-kawza minflok Dr. Chris Said ghan-**

**nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Rita mart Clement Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell interpost mill-konvenuta Rita Camilleri, kif rapprezentata mill-Avukat Dottor Chris Said minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-20 ta' April 2004, fil-kawza fl-ismijiet premessi, li fiha gie deciz hekk:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ppremetta:

"Illi l-kontendenti jippossjedu in komun bejniethom, jigifieri l-attrici tippossjedi zewg terzi indivizi, filwaqt li l-konvenuti jippossjedu sesta parti indiviza kull wiehed, il-fond minghajr numru ufficjali bl-isem "God Bless Australia" fi Triq Grunju, Nadur, Ghawdex, li jikkonfina mill-punent mat-triq, u mill-irjieh l-ohra ma' beni tal-kumpanija Charles Camilleri and Company Limited jew l-aventi causa liberu u frank minn kull piz u servitu.

"Illi l-attrici ma tridx tibqa' f'dan l-istat flimkien mal-konvenuti.

"Illi minkejja bosta interpellazzjonijiet il-konvenuti qed jirrifjutaw li jersqu ghal qasma bonarja ta' dan il-fond.

"Talab lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. Taqsam din il-proprjeta' fi tlett porzjonijiet skond il-kwoti tal-partijiet sabiex jigu assenjati lill-kontendenti skond is-sehem rispettiv.

"2. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni f'data hin u lok li jigi ffissat minn din il-Qorti bl-intervent ta' kuraturi li jigu mahtura minn din il-Qorti sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

“3. Kemm-il darba jirrizulta li l-fond imsemmi ma hux divizibbli skond il-ligi, tordna l-bejgh tieghu b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit mill-partijiet skond il-kwoti rispettivi .

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji spediti fil-11 ta' Awissu 1999 u fid-9 ta' Settembru, 1999.

“Il-konvenuti imharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine debitament mahlufa minnu.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa illi:

“1. Illi l-konvenuti ma jopponux u qatt ma opponew id-divizjoni mitluba mill-attur nomine, anzi kienu huma li dejjem insistew li l-fond in kwistjoni ghandu jinbiegh u r-rikavat tieghu jinqasam bejn il-partijiet u kwindi m'ghandhom ihallsu eba parti mill-ispejjez ta' din il-kawza;

“2. Illi l-konvenuti ma jaqblux mal-kwoti kif indikati mill-attur nomine fic-citazzjoni tieghu u tali kwoti ghandhom jigu verifikati qabel issir id-divizjoni.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine minnu mahlufa.

“Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Gunju 2000 fejn innominat lill-A.I.C. Gordon Vella bhala perit tekniku sabiex jaghmel deskrizzjoni tal-fond in divizjoni, jirrelata jekk hux komodament divizibbli u jaghti valutazzjoni tieghu.

“Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit tekniku minnu mahlufa fis-27 ta’ Jannar 2003.

“Rat in-nota spjegattiva ta' l-attur dwar l-ishma spettanti lill-kondividenti mill-fond in divizjoni.

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din il-kawza l-attur nomine qed jitlob id-divizjoni ta' fond ippossedut in komun bejn il-mandanti tieghu Regina Aquilina u tnejn mit-tfal tar-ragel taghha, Susan Portelli u Rita Camilleri, kif rapprezentati . Minn nota spegattiva ta' l-attur nomine tas-7 ta' April 2003, li ma giet bl-ebda mod ikkontestata, jirrizulta li d-dar li taghha qed tintalab id-divizjoni kienet inbniet fuq art mixtrija minn Joseph Aquilina u l-ewwel mara tieghu Maria nee' Meilak .[1] Minn dan iz-zwieg kien hemm tliet itfal: Frank u l-konvenuti Susan mizzewga Portelli u Rita mizzewga Camilleri . In segwitu ghall-mewt ta' l-ewwel mara tieghu, Joseph Aquilina rega' żżewweġ, din id-darba lill-attrici preżenti, kif rappreżentata . Permezz ta' kuntratt ta' terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, Joseph Aquilina assenja lit-tieni mara tieghu, Regina, in-nofs indiviz spettanti lilu mill-fond in divizjoni[2] . Frank Aquilina mbaghad assenja b'titolu ta' donazjoni lill-istess Regina Aquilina s-sest indiviz (1/6) tieghu mid-dar in divizjoni, biex b'hekk jigi illi Regina Aquilina llum ghandha zewg terzi (2/3) indivizi minn dan il-fond, filwaqt illi lill-ulied l-ohra ta' Joseph Aquilina, Susan Portelli u Rita Camilleri jispetta sest (1/6) indiviz kull wiehed . Ghalhekk dak dikjarat mill-attur nomine fic-citazzjoni tieghu huwa korrett.

"L-attrici ma tridx tibqa' f'dan l-istat ta' komunjoni mal-konvenuti fir-rigward tal-proprjeta' tad-dar indikata u ghalhekk ghandha kull dritt titlob it-terminazzjoni ta' din il-komunjoni a tenur ta' l-artikolu 496 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

"Il-perit tekniku, wara li jaghti deskrizzjoni dettaljata tal-fond in divizjoni fir-relazzjoni tieghu[3], jikkonkludi illi dan il-

---

[1] Att tan-Nutar Dr. J. Cauchi tal-24.8.1972 - Dok. X 1 a fol. 52 - 54 tal-process .
[2] att tan-Nutar Dr. P. G. Pisani tal-31.7.1996; Dok. X 2 a fol. 55 – 56 .
[3] a fol.16 – 24 .

fond mhux komodament divizibbli fil-kwoti spettanti lill-kontendenti, u ghall-fini tal-licitazjoni li allura necessarjament trid issir jistma l-istess fond fis-somma ta' erbghin elf lira maltija (Lm40,000).

“Il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex toqghod fuq dawn il-konkluzjonijiet peritali u taghmilhom taghha.

“Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi:

“1. tiddikjara illi l-fond id-divizjoni (sic) u cioe' d-dar minghajr numru ufficcjali bl-isem "God Bless Australia", fi Triq Grunju, n-Nadur, Ghawdex, mhix komodament divizibbli bejn il-kontendenti, u ghalhekk tichad l-ewwel zewg talbiet;

“2. konsegwentement tilqa' t-tielet talba u tordna l-bejgh ta' l-istess fond b'licitazzjoni u bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estraneji, sabiex ir-rikavat minn dan il-bejgh imbaghad jinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom, u cioe' zewg terzi (2/3) lil Regina Aquilina, kif rappreżentata f'dawn l-atti mill-attur nomine, u sest (1/6) kull wiehed lill-konvenuti Susan Portelli u Rita Camilleri, kif rappreżentati.

“L-ispejjez tal-kawza, billi din hija wahda ta' divizjoni, ghandhom jigu ssoportati mill-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom.”

**L-APPELL TAL-KONVENUTA RITA CAMILLERI**

2. Il-konvenuta Rita Camilleri, kif allura rapprezentata mill-Avukat Dottor Chris Said, nominat kuratur taghha billi hija tinsab imsiefra, hasset ruhha aggravata bis-sentenza hawn fuq riprodotta fl-intier taghha, u ghalhekk hija interponiet appell minnha sabiex din il-Qorti “tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija”, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kollha kontra l-attrici appellata.

**IR-RISPOSTA TA’ L-ATTUR NOMINE GHALL-APPELL**

3. L-attur nomine wiegeb li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma. Ghalhekk jissottometti li l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra

l-appellanti. L-appellat nomine inoltre jidhirlu li l-appell intavolat huwa wiehed frivolu u vessatorju u ghalhekk talab li din il-Qorti tikkunsidra l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 229(9) [recte: 223(4)] tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**IR-RISPOSTA TAL-KO-KONVENUT SIMON BRINCAT NOMINE GHALL-APPELL**

4. Il-ko-konvenut nomine, jigifieri Simon Brincat li qieghed jidher fil-kawza bhala mandatarju ta' l-assenti konvenuta Susan Portelli qabel ukoll mas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad u ssottometta ghalhekk li din ghandha tigi kkonfermata bic-cahda ta' l-appell interpost mill-ko-konvenut nomine li qieghed jidher ghall-assenti Rita Camilleri, bl-ispejjez taz-zewg istanzi, kollha a karigu tal-parti appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-aggravji ta' l-appellanti Rita Camilleri huma testwalment is-segwenti, jigifieri li,

"(1) L-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tiddeciedi li zewg terzi tal-fond 'God Bless Australia' fi Triq Grunju, Nadur, (sic) u dana peress li nofs il-post in kwistjoni kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti gja` ezistenti bejn Joseph Aquilina u l-ewwel mara tieghu Maria neè Mejlak. It-tfal ta' Joseph Aquilina kellhom jirtu xi parti minn dan il-post u ghalhekk fl-osservazzjoni li ghamel, Joseph Aquilina fit-tieni noa [recte: nota) tieghu Regina (sic) kienet simulata u falza (sic). Lill-attrici Regina Aquilina ghandu jmissha kwota ferm inferjuri ghal dik lilha assenjata.

"(2) Lanqas tirrizulta prova tas-sest (1/6) indiviz li suppost sar minn Frank Aquilina a favur ta' l-attrici. L-ewwel Onorabbli Qorti accettata [recte: accettat] l-allegazzjoni ta' din l-osservazzjoni bhala pruvata.

"(3) Ghalhekk il-kwoti kif decizi mill-ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi riveduta [recte: ghandhom jigu riveduti]."

6. L-attur nomine appellat, minbarra li wiegeb ghal kull wiehed minn dawn l-aggravji, liema risposta ser titqies flimkien mal-konsiderandi ta' din il-Qorti, issottometta

wkoll li "fl-ewwel lok hemm l-irritwalita` u nullita` ta' dan l-appell minhabba kontradittorjeta` bejn l-aggravji u t-talba". F'kull kaz pero`, l-appellat nomine xorta wahda wiegeb ukoll fil-meritu u gab ragunijiet il-ghala s-sentenza appellata kienet timmerita konferma.

7. Din il-Qorti jkollha tistqarr il-perplessita` taghha dwar il-mod tabilhaqq bizzarr u inkonsistenti li bih il-konvenut nomine in rapprezentanza ta' l-assenti Rita Camilleri, l-odjerna appellanti ikkonduca l-parti tieghu f'din il-vertenza minn punto di vista kemm ta' procedura kemm ukoll dik li hija s-sustanza in meritu. Din l-inkonsistenza baqghet tipperdura, kif ser jirrizulta, anke fl-istadju ta' l-appell.

8. Minn ezami ta' l-atti jirrizulta li b'nota *ad hoc*, l-Avukat Dottor Chris Said accetta l-bandi biex jirraprezenta liz-zewg konvenuti assenti, jigifieri Susan Portelli u Rita Camilleri (l-appellanti) f'din il-kawza u "fl-attijiet l-ohrajn kollha relattivi u sussegwenti". Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet, l-imsemmi kuratur nomine eccepixxa li l-konvenuti ma jopponux u qatt ma opponew id-divizjoni mitluba mill-attur nomine. Jghid, anzi li kienu l-konvenuti "li dejjem insistew li l-fond in kwistjoni ghandu jinbiegh u r-rikavat tieghu jinqasam bejn il-partijiet u kwindi huma m'ghandhom ihallsu ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza". L-unika riserva min-naha tal-konvenuti kienet relatata mal-kwoti indikati mill-attur noe bhala l-bazi tal-qasma u ghalhekk huma eccepew li tali kwoti ghandhom jigu verifikati qabel issir il-qasma. Jigi nnutat illi filwaqt li l-attur nomine indika specifikatament il-kwoti kif ghandhom ikunu, jigifieri zewg terzi (2/3) spettanti lilu u sesta parti (1/6) lil kull wahda mill-konvenuti, min-naha tal-konvenuti invece ma jirrizulta xejn hekk specifikat. Minbarra dan, l-attur nomine jindika biss bhala beni ereditarju l-fond, bla numru, maghruf bl-isem 'God Bless Australia', fi Triq Grunju, Nadur, Ghawdex, filwaqt li l-konvenuti la jsemmu l-ezistenza ta' xi assi ereditarji ohrajn u lanqas hjiel ta' xi manuvrar suspettuz min-naha attrici f'ghamla ta' simulazzjoni.

9. Jirrizulta, bhala *iter* gudizzjarju, li c-citazzjoni promotrici giet ipprezentata fil-31 ta' Jannar 2000, filwaqt li n-nota ta'

l-eccezzjonijiet (fol. 11) iddahhlet fid-29 ta’ Frar, 2000. Il-kawza giet in segwitu differita ghall-15 ta’ Gunju 2000, jigifieri ghal tlett (3) xhur u nofs wara din in-nota, fejn gie nominat perit tekniku. Il-kawza, imbaghad thalliet ghall-prezentata tar-rapport ghat-2 ta’ Marzu 2001, u baqghet miexja ghall-istess skop sas-7 ta’ Frar 2003, jigifieri ghal ftit anqas minn sentejn min-nomina. Peress li r-rapport deher li tlesta f’Jannar 2003, fuq talba ta’ l-attur nomine li giet akkordata, il-kawza giet irrikjamata ghas-smigh ghas-17 ta’ Jannar, 2003. Fis-seduta tal-25 ta’ Marzu 2003 (fol. 50) gie registrat il-verbal segwenti:-
“Meta ssejhet il-kawza dehru l-attur assist minn Dr. Michael Grech u Dr. Chris Said ghall-konvenuti.

“Kawza tibqa’ differita sabiex il-partijiet jipprezentaw nota spjegattiva dwar il-kwoti tal-proprjetajiet in divizjoni, ghas-27 ta’ Mejju, 2003.”

10. Fil-fatt jirrizulta li l-attur nomine pprezenta nota spjegattiva biex jispjega l-posizzjoni attrici dwar kif ghandhom ikunu l-kwoti rispettivi u flimkien man-nota gew annessi tlett atti notarili (Dok X1, Dok X2 u Dok X3) in sostenn tat-tezi attrici, <u>mentri l-parti konvenuta ma pprezentat xejn</u>. Fis-27 ta’ Mejju 2003, gie registrat is-segwenti (ara fol. 59):-

“Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Chris Said li jinforma lill-Qorti li hu ghadda l-informazzjoni rizultanti min-nota pprezentata mill-atturi lill-persuni imsefrin minnu rapprezentati f’din il-kawza u ghadu jistenna twegiba minghandhom.

“Kawza tibqa’ differita sabiex il-konvenut nomine jirregola l-posizzjoni tieghu, ghas-27 ta’ Novembru, 2003.”

<u>Din in-nota pero` xorta wahda baqghet ma saritx.</u>

Minkejja dan, l-ewwel Qorti kienet indulgenti talment li kkoncediet lill-konvenut nomine estensjoni ta’ dan it-terminu, ghal fini ta’ nota responsiva <u>sa l-ahhar ta’ Jannar</u>

<u>2004</u>, u fl-istess waqt pero` ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-20 ta’ April, 2004. Gara izda li, minflok ma l-konvenut nomine aderixxa ruhu mal-verbal, gie pprezentat rikors ghan-nom ta’ Simon Brincat “bhala mandatarju ta’ Susan Portelli” (ara fol. 61). F’dan ir-rikors, Simon Brincat nomine ppretenda li jiftah il-meritu mill-gdid fuq il-pretest “li l-meritu ta’ din il-kawza m’huwiex wiehed semplici ta’ kawza ta’ divizjoni, imma l-istess fond jifforma parti mill-assi konjugali tal-konjugi Joseph u Maria Aquilina”. Mhux hekk biss, imma l-istess Simon Brincat nomine jallega li l-kuntratt tal-31 ta’ Lulju 1996, in atti tan-Nutar Paul George Pisani a favur Regina Aquilina, it-tieni mara tal-missier, jigifieri ta’ Joseph Aquilina, “kien simulat u sar bl-iskop biex jilledi d-drittijiet legittimarji tal-mandanti tieghu, jifigieri ta’ Susan Portelli”. It-talba ghal fini tas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza mitluba mir-rikorrent mhux biss giet michuda – gustament fil-fehma ta’ din il-Qorti – mill-Qorti ta’ l-ewwel grad imma lanqas jidher li gie interpost xi appell minn dan id-digriet interlokutorju. <u>Sadanittant jigi rilevat li l-konvenuta l-ohra Rita Camilleri, kif rapprezentata minn Dr. Chris Said baqghet ma ghamlet proprju xejn la f’dawk li huma provi u lanqas sottomissjonijiet kwalsiasi dwar id-divizjoni mitluba.</u>

11. Fl-20 ta’ April 2004, il-kawza giet deciza mill-ewwel Qorti u minnha, ferm sorprendentement, appellat <u>biss</u> il-konvenuta Rita Camilleri, kif rapprezentata minn Dr. Chris Said. Fl-istess waqt, Simon Brincat nomine, ko-konvenut (l-istess wiehed li kien qanqal, bla ma pprova xejn, il-pregudizzjal tas-simulazzjoni kontrattwali) ddikjara <u>li s-sentenza moghitja kienet timmerita konferma</u> (ara risposta tieghu tal-4 ta’ Gunju 2004 (fol. 10, atti ta’ l-appell)! Min-naha l-ohra, u hawn hija “is-sorpriza”, il-konvenuta Rita Camilleri bhal donnha stenbhet fl-istadju ta’ l-appell u ghamlet taghha l-allegazzjoni dwar is-simulazzjoni gia` sollevata mill-konvenuta l-ohra, u li pero` spiccat biex finalment qablet mad-“decide”. Ghandu jinghad ukoll illi l-allegazzjoni dwar simulazzjoni sollevata mill-appellanti ghall-ewwel darba permezz tar-rikors ta’ appell in ezami hija wahda vaga ghall-ahhar billi tirreferi semplicement ghall-“osservazzjoni li ghamel Joseph Aquilina fit-tieni noa (sic) tieghu Regina (sic) kienet simulata u falza”. Tghid

biss li “lill-attrici Regina Aquilina ghandu jmissha kwota ferm inferjuri ghal dik lilha assenjatha” – minghajr ma tghid kif – u li “ghalhekk il-kwoti kif decizi mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi riveduta”. Tipprova mbaghad tixhet id-dubju fuq il-provi prodotti mill-kontroparti attrici – b’mod xott hafna – b'dan li wisq konvenjentement tiskarta l-fatt li min-naha taghha hija la ressqet farka prova kwalsiasi u lanqas biss ghamlet l-icken sottomissjoni fil-waqt propizju.

12. Frankament hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-appell tal-konvenuta Rita Camilleri, kif rapprezentata, huwa wiehed altament fieragh u vessatorju, u, tenut kont ta’ dak li ntqal supra dwar il-mankanza totali u assoluta ta’ produzzjoni ta’ provi jew ta’ xi sottomissjonijiet opportuni, jimmerita li jigi kolpit bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif suggerit mill-kontroparti attrici appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuta Rita Camilleri b’dan li kwantu ghal kap ta’ l-ispejjez, dawk l-ispejjez relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif hemm deciz (u mhux kif sottomess mill-partijiet), filwaqt li l-ispejjez relativi ghal dan l-appell jithallsu doppjament mill-konvenuta Rita Camilleri, favur l-appellati u dan bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 223(4), tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------